**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Maħluf Nru. 1108/21NC**

**Gozo Channel (Operations) Limited**

**vs.**

**Good Earth (Retail) Limited**

Illum l-erbgħa (4) ta' Awwissu 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mis-soċjeta' attriċi Gozo Channel (Operations) Limited fil-11 ta' Novembru 2021, liema Rikors ġie Maħluf minn Jacqueline Mizzi għan-nom tas-soċjeta' attriċi.

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Novembru 2021 li bis-saħħa tiegħu l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-15 ta' Diċembru 2021.

Rat in-Nota ppreżentata fis-26 ta' Lulju 2022 minn l-Avukat Dr. Georgine Grech għas-soċjeta' attriċi, f'liema Nota ġie dikjarat li s-soċjeta' attriċi kienet qiegħda ċċedi l-kawża minħabba ftehim

milħuq bejn il-partijiet u liema Nota ġiet iffirmata mill-avukat imsemmija u minn Jacqueline Mizzi (għan-nom tas-soċjeta' attriċi) wara li nqratielha mid-Deputat Reġistratur fir-Reġistru tal-Qorti.

Għaldaqstant il-Qorti, wara li ħadet konjizzjoni ta' Artikoli 906(1) u 907 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li ħadet konjizzjoni wkoll tan-Nota ta' Ċessjoni hawn fuq imsemmija, qiegħda tieqaf milli tqis aktar din il-kawża u b'hekk tordna lir-Reġistratur sabiex ineħħiha minn fuq il-lista tal-kawżi attivi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**